*Danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol;*
*Kap 424; art 1031 tal-Kap. 16*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Jannar, 2020**

**Numru 3**

**Rikors Numru 861/08TA**

**George Spiteri**
**(I.D. 722250 (M))**

**vs**

**Malta Freeport p.l.c. u b'digriet ts-17 ta Novembru 2008 ġiet korretta għal Malta Freeport Terminals Limited**

**Malta Maritime Authority u b'digriet tas-26 ta' Settembru 2019 l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawża flok Malta Maritime Authority**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attur George Spiteri ppreżentat fis-26 t'Awwissu 2008 u maħluf minnu stess fl-istess jum li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi l-attur jaħdem ta' port worker ix-xatt il-Marsa.

2. Illi fil-15 ta' Lulju ta' 2008 huwa kien qiegħed jaħdem xogħol il-Freeport bħala *truck driver* u waqt li kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol

huwa weġġa' gravament a kawża ta' liema inċident huwa sofra danni konsistenti fost oħrajn f'diżabilita` permanenti fuq persuntu.

3. Illi dan l-inċident issuċċeda tort unikament tal-konvenuti jew min minnhom u dan minħabba f'imperizja negliġenza u non osservanza tar-regolamenti, meta dawn ma pprovdewx *a safe place of work*.

4. Illi in effetti l-inċident ġara waqt li r-rikorrent kien fit-truck tiegħu fuq il-moll tal-Freeport fejn ġol-karru tat-*truck* kien qed jiġi mtella' *container* biex jiġi mitfugħ f'postu. Dan inqala' u waqa' fuq it-*truck* u bl-iskoss kbir li ssuċċeda korra r-rikorrent.

5. Illi s-soċjetajiet intimati interpellati iżda inutilment sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni subiti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-inċident tal-15 ta' Lulju 2008 fejn weġġa' r-rikorrent issuċċeda tort unikament tal-konvenuti jew min minnhom u dan minħabba f'imperizja negliġenza u non osservanza tar-regolamenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti okkorrendo bl-opera ta' perit mediku;

3. Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom iħallsu d-danni likwidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u l-konvenuti nġunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited ippreżentata fis-7 ta' Novembru 2008 u maħlufa fl-istess data minn Dr Duncan Borg Myatt in rappreżentanza tal-istess Soċjetá li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament l-entita` "Malta Freeport p.l.c."ma teżistix, u kwindi il-kawża kif proposta hija nulla u mingħajr effett fil-konfront ta' dik l-entita`;

2. Illi wkoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-premess, jeżisti lok għal korezzjoni fl-isem tas-soċjeta` "Malta Freeport p.l.c.", u kwindi u sakemm issir tali korrezzjoni is-soċjeta` intimata ma hijiex il-leġittima kontradittriċi fil-kawża odjerna u għandha għalhekk tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

3. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort tas-soċjeta` intimata iżda seħħ unikament tort tar-rikorrent stess u minħabba traskuraġni, imperizja u negliġenza da parti tiegħu, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta` intimata qiegħda tikkontesta l-kwantum tad-danni mitlub mir-rikorrent, u kwindi r-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skond il-liġi sabiex jipprova t-telf li allegatament sofra, sew *damnum emergens*, kif ukoll *lucrum cessans*; b'dan illi għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġa` ħa jew ser jieħu minn sorsi oħrajn, sew pubbliċi kif ukoll privati, minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża odjerna;

5. Illi inoltre din il-kawża hija intempestiva għall-aħħar, il-għaliex ġiet ippreżentata tnejn u erbgħin (42) jum biss mid-data ta' l-inċident, u kwindi kien impossibbli li f'dak l-istadju – speċjalment mill-lat mediku – illi tiġi konstatata kwalunwe debilita` permanenti fuq il-persuna tar-rikorrent stante illi kien għadu fi stadju ta' konvalexxenza. Għaldaqstant is-soċjeta` intimata m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-kawża.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtoritá Marittima ta' Malta ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2008 u maħlufa fis-7 ta' Novembru 2008 minn Charles Abela li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. **Illi preliminarjament l-eċċipjenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi għall-ilmenti tar-rikorrenti.**

1.1 Illi l-esponenti m'għandha ebda responsabilita` jew poter fir-rigward tal-operat tax-xogħol ġewwa l-*Freeport*, billi l-operat tax-xogħol fil-port imsemmi huwa, ai termini tal-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta (Kap 334 tal-Liġijiet ta' Malta), affidat espresament u unikament lill-Malta Freeport Corporation Limited (C-9353) *qua* l-"Awtorita` dwar il-Port Ħieles" kostitwita ai termini tal-Kap 334.

1.2 Illi waqt illi skond l-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta (Kap 352 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Awtorita` eċċipjenti għandha l-funzjoni li żżomm u tħaddem portijiet f'Malta (artiklu 6), huwa dmir tal-"Awtorita` dwar il-Port Ħieles" illi "tamministra l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Portijiet

Ħielsa" (artiklu 5(3)(a) tal-Kap 334). Dan huwa rifless ukoll fl-Artiklu 82 tal-Kap 352.

1.3 Illi l-Awtorita` eċċipjenti m'għandha ebda obbligu, funzjoni jew responsabbilita` illi torganizza jew tissorvelja x-xogħol ta' ħatt jew tagħbija ta' merkanzija ġewwa l-Freeport fejn seħħ l-inċident, u għalhekk ma tistax tinsab responsabbli għall-allegati danni.

1.4 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti mhuwiex impjegat tal-Awtorita` Marittima ta' Malta, u dan kif jidher mid-dokumenti esebiti mill-attur stess, u allura ma kien hemm ebda obbligu li l-awtorita` tipprovdi *a safe system of work* ġewwa l-Freeport.

1.5 Illi għar-raġunijiet imsemmija, il-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti huma kollha kontestati mill-eċċipjenti u jeħtieġ li jiġu ippruvati.

2. **Illi l-eċċipjenti umilment tirriserva illi bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri fil-mertu f'każ li l-eċċezzjoni preliminari tagħha tiġi miċħuda.**

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Novembru 2008 fejn is-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals irtirat l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Settembru 2019 fejn din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Awtoritá dwar it-Trasport f'Malta fir-rikors tas-26 ta' Settembru 2019 sabiex tassumi l-atti minflok l-Awtoritá Marittima ta' Malta

Rat l-istess verbal tal-udjenza tas-26 ta' Settembru 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur huwa ħaddiem tax-xatt (registered port-worker). Huwa jgħid li nhar il-15 ta' Lulju 2008 kien qed iħott container 'tal-erbgħin' fiż-żona msejħa KD ġewwa l-Freeport Birżebbuġia skont kif ġie inkarigat jagħmel. Sabiex jinħatt dan il-container huwa saq it-trakk quddiem il-lifter u baqa' fil-kabina sabiex jimmanuvra t-trakk taħt il-lifter. Dak inhar il-lifter kien qed jinstaq min ċertu Philip Caruana. L-Attur kien għadu fil-kabina tat-trakk meta l-container nqabad mil-lifter u ntrefa'. Għal xi raġuni mhux magħrufa il-container żganċja ossia nqala' minn mal-lifter u nstabat lura għal fuq il-karru tal-istess trakk (ara affidavit George Spiteri a' fol 50 kif ukoll xhieda Philip Caruana a' fol 86).

**2.** B'konsegwenza ta' dan il-korriment l-Attur soffra minn skoss qawwi li ħallewh b'diversi ġrieħi u dam ix-xhur sa ma kien f'qagħda li jidħol lura għax-xogħol. Huwa reġa' beda jaħdem fis-6 ta' Jannar 2009 (ara Dok GS 4 a' fol 55). L-Attur isostni li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali għaliex l-inċident seħħ unikament b'tort, bi ħtija u b'negliġenza u traskuraġni tagħhom li naqsu milli josservaw l-obbligu impost fuqhom mil-liġi li bħala prinċipal tiżgura ambjent ta' xogħol ħieles mill-perikoli għall-ħaddiema u għalhekk iżżommu a safe working environment (ara premessa numru tlieta). Huwa talab li l-Konvenuti jew min minnhom jikkumpensawh għad-

danni sofferti minnu minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali.

**Punti ta' Liġi**

**3.** It-talba tal-Attriċi hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

Ġie ritenut li "*Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.*

*Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku" (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u b l-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).).*

*Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "a safe system of work", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)** (Ara per.es.- "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe**" (K. 28 ta' Mejju 1979); "**Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe**" (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); "**Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine**" (P.A. 12 ta' Frar 1999) ) li*

*jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Ukoll "Huwa dmir ta ' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess" (**Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994).**"* **(Robert Azzopardi vs Gutenberg Press Limited**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013).

**4.** Kif insenjat fis-sentenza **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, "*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*

*B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu (Art. 1037 tal-Kap 16), sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (**App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et**);*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn*

*kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Art. 6(3) tal-Kap 424);*

*Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (**Kumm. JH 9.9.1981 fil-kawża fl-ismijiet Godfrey Borg vs George Wells et noe (mhix pubblikata**)). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (**P.A. 10.10.1980 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Fino (mhix pubblikata**));*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed*

*fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (**P.A. RCP 30.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (**P.A. TM 9.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**)*".

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

**5.** Senjalati l-prinċipji legali u ġurisprudenzjali applikabbli għall-każ in diżamina, din il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati.

**6.** Għal din l-azzjoni l-Awtoritá intimata eċċepiet preliminarjament li ma hiex il-leġittima kontradittriċi għall-ilmenti tal-attur. L-Awtoritá sostniet din l-eċċezzjoni prinċipalment fuq dak li jiddisponi l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta (Kap. 334) li espressament poġġiet il-portijiet ħielsa taħt id-dmir u l-funzjoni tal-Malta Freeport Corporation Limited qua l-Awtoritá dwar il-Port Ħieles. Hija tkompli issostni dan billi tagħmel ukoll referenza għall-artikoli oħra taħt Att dwar Portijiet u Bastimenti (Kap. 352) kif ukoll l-

Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap 171) u r-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port maħruġa taħt l-istess Ordinanza (L.S. 171.02).

**7.** Il-Qorti taqbel perfettament ma dak sottomess mill-Awtoritá intimata. Kif ġie kemm il-darba ritenut, anke minn din il-Qorti (ara **Mark McBride vs MK Leisure Limited datata 12 ta' Novembru 2019 u Mario Micallef vs Valletta Gateway Terminals Ltd datata 14 ta' Ottubru 2019**), il-kriterju li għandu jitqies sabiex tiġi determinata r-responsabbilitá għal dawn l-inċidenti huwa "jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol" (**Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Lulju 2006**).

**8.** Kif sewwa xehed Dr. Robert Vassallo, qua uffiċjal fi ħdan l-Awtoritá tat-Trasport Malta, "*l-awtoritá m'għandha l-ebda kontroll bħala fuq Freeport geographical area u s-servizzi li jkunu għaddejin fuq il-mollijiet li hemm hemm ġew. U fuq in-nies li jidħlu u fuq il-ħaddiema tal-port li jkunu qed jaħdmu hemm ġew. Għaliex? Għax min iqabbad il-ħaddiema tal-port biex jaħdem fuq il-bastimenti, dak huwa the employer of such port workers. U hu irid jieħu ħsieb iqabbad dawk il-ħaddiema u jieħu ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam mas-servizz li jrid jiġi mogħti fuq dak il-moll partikolari.*"

**9.** Ladarba l-ambjent tax-xogħol fejn sar l-inċident ma kienx taħt il-kontroll tal-Awtoritá ntimata, ma setgħetx tkun hi li tassenja lill-Attur sabiex jaħdem fil-post fejn seħħ l-inċident.

**10.** Kif ġie ritenut mill-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza Mayor Scicluna v. TN Waterproofing Ltd datata 20 ta' April 2007**, "*Min iħaddem għandu jieħu taħt il-kontroll tiegħu s-sit fejn ikun se jibgħat il-ħaddiema tiegħu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konduċenti għal perikli għas-saħħa tal-ħaddiema tiegħu. Huma dover ta` min iħaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa biex ineħħi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min iħaddem għandu jirrifjuta jesegwixxi x-xogħol u jesponi l-ħaddiema tiegħu għal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Bugeja vs Montanaro Gauci", deċiża fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċkenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'".*" (ara wkoll **Katerinu Farrugia vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 15 ta' Marzu 2017; Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla 26 ta' Mejju 2016**).

**11.** Min dan isegwi, li d-dover li jkun aċċertat li l-ambjent tax-xogħol fejn kien qed jaħdem l-Attur meta seħħ l-inċident kien wieħed ta' sigurta' u ħieles minn kull perikolu ma kienx tal-Awtoritá. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-awtoritá u tilliberaha mill-osservanza tal-

ġudizzju. Dan peress li ġie ampjament pruvat li l-Awtoritá "m'għandhiex responsabbilitá tal-operat ġewwa l-Port Ħieles, u li għaldaqstant ma tista' qatt tinstab responsabbli għal xi danni li setá soffra l-Attur" (ara nota ta' osservazzjonijiet a' fol 136). Għalhekk l-istess Awtoritá ma hijiex il-leġittimu kontradittur biex tkun tista' tirrispondi għat-talbiet attriċi.

**12.** Is-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, minn naħa tagħha ssottomettiet fin-nota a' fol 146 li hi ukoll m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-Attur, għaliex qatt ma kien impjegat tagħha (ara nota a' fol 146 ). Is-Soċjetá konvenuta ma qajmitx din is-sottomissjoni b'eċċezzjoni formali kif kienet obbligata tagħmel taħt l-artikolu 728 tal-Kap. 12. Il-Qorti għalhekk ser tiskartaha (ara f'dan is-sens is-**Sentenza Falzon Antida vs APS Bank Limited, deċiża 28 ta' Mejju 2003**: *"Argument legali dedott f'nota ta' sottomissjonijiet u mhux bhala eċċezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp proċedurali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralċ mhux awtorizzat fuq il-proċeduri 'in corso'"* . F'dan is-sens ukoll hija s-**Sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Andrew Attard Montalto et vs Paul Micallef fid-29 ta' April 2019**: "*li kieku din il-Qorti kellha tħalli li jsiru xorta ta' difiżi b'dan il-mod, dwar kwistjonijiet legali li qatt ma jkunu tqanqlu tul il-kawża għax qatt ma jkunu ġew eċċeptiti fi stadju bikri tal-proċeduri kif titlob il-liġi, tkun qegħdha tippermetti, li l-parti kuntrarja tiġi mċaħħda mill-*

*opportunita` li titratta jew tirribatti dak li jkun tqanqal mingħajr eċċezzjoni formali.*”)

**13.** Fil-mertu s-Soċjetá Konvenuta laqgħet għal din l-azzjoni billi eċċepiet li l-inċident seħħ unikament bi ħtija tal-Attur innifsu minħabba traskuraġni, imperizja u negliġenza. Fl-atti iżda ma hemm xejn li juri dan. L-unika prova li s-Soċjetá ntimata produċiet sabiex tirribatti l-verżjoni mogħtija mill-Attur kienet ix-xhieda ta’ Julian Sciberras, qua Assistant Senior Security fi ħdan is-Soċjetá Konvenuta (ara xhieda a’ fol 95). Is-Sur Sciberras ma kienx preżenti fi-ħin tal-inċident iżda, skont ix-xhieda tiegħu, mar ikellem lill-Attur wara l-inċident u ltaqa’ miegħu fejn ‘il-gate l-antika’.

**14.** Fix-xhieda tiegħu s-Sur Sciberras assuma pożizzjoni ta’ espert mediku meta m’huwiex u lanqas huwa kwalifikat biex ikun u kklassifika l-ġrieħi tal-attur bħala ‘slight’. Dan għal raġunijiet li, f’għajnejn din il-Qorti, huma pjuttost xejn konvincenti. Minn naħa l-oħra fir-rapport ta’ korriment maħrug fl-istess ġurnata tal-inċident, it-tabib indika t-tip ta’ korriment bħala li jikkonsisti fi tfekkik u strapazzar (a’ fol 5). Huwa indika l-għonq u s-sinsla tad-dahar bħala l-parti tal-ġisem milquta mill-inċident.

**15.** Is-Sur Sciberras, jagħmel ukoll referenza għal ‘rapport’ preżentat bħala Dok JS1 li jgħid li ħejja hu stess (a’ fol 93). Dan id-dokument iżda jikkonsisti biss f’ notament li fih is-Sur Sciberras jgħid, fost oħrajn, li l-Attur qallu li l-container waqa’ min għoli ta’ pied. Fih is-Sur Sciberras jagħmel referenza għal *incident report* bin-numru 251/2008 li suppost ġie

mehmuż. Għal xi raġuni is-Sur Sciberras għoġbu ma jippreżentax dan ir-rapport. Dan id-dokument għalhekk ma jista' jkollu l-ebda valur probatorju billi ma jikkostitwix prova konkludenti. Oltre minn hekk, din il-verżjoni li suppost tah l-Attur li l-container waqa għoli ta' pied ma tirriżulta mkien iżjed fl-atti, lanqas fir-rapport ta' korriment li ġie sottomess fl-istess jum tal-korriment.

**16.** Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet joħroġ ukoll dubju serju kemm din il-verżjoni mogħtija mis-Sur Sciberras tista' titqies verosimili. Dan speċjalment meta mqabbla mal-verżjoni kostanti tal-Attur fl-affidavit u x-xhieda tiegħu kif korraborata bix-xhieda ta' George Agius li kien qed isuq it-trakk wara l-esponent u Philip Caruana li kien qed jopera l-lifter mertu tal-inċident in kwistjoni (ara a' fol 50 , 104 , 75 u 79). Fix-xhieda tagħhom , dawn ilkoll qablu li meta nqala' minn postu l-container kien f'għoli ta' madwar għaxar piedi/sular u nofs. Il-Qorti għalhekk ma tistax ma tagħtix aktar affidabilita' għax-xhieda ta' dawn milli tal-imsemmi Sciberras li wara kollox ma kienx presenti għall-inċident.

**17.** Is-Soċjetá Konvenuta tkompli tikkontesta l-pretensjoni tal-Attur billi tirreferi għall-parti tax-xhieda tal-Attur stess, fejn jiddikjara li ma ra ebda nuqqas minn ebda ħaddiem dak inhar tal-inċident u kullħadd kien attent għal dak li kien qed jagħmel (ara nota a' fol 145). Is-Soċjetá Konvenuta tissottometti, li din id-dikjarazzjoni l-Attur jeżoneraha minn kwalunkwe ħtija li hu stess imputalha fir-rikors ġuramentat. Iżda fir-rejalta' b'din id-

dikjarazzjoni l-Attur qiegħed fil-fatt jaddebita il-ħtija tal-akkadut lis-Soċjetá Konvenuta għaliex naqset milli tiżgura s-sigurtá tal-apparat tal-lifter kif kien id-dmir tagħha li taghmel taħt ir-regolament 3 et seq tal-Avviż Legali 282 ta' l-2004, illum revokat bl-Avviż Legali 293 tal-2016. Il-piż li tipprova jistrieh fuqha dwar jekk ghamlitx dak kollu li l-liġi tistenna minnha f'dan ir-rigward (ara insenjament tas-sentenza ġia ċitata **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals**). Hija ma produċiet l-ebda evidenza li b'xi mod turi li mxiet ma' l-obbligi mposti fuqha bl-Avviż Legali msemmi. Lanqas ma produċiet xi evidenza li b'xi mod tiċħad it-teżi tal-Attur li "l-inċident seħħ unikament għaliex l-mekkaniżmu adoperat kien vizzjat u dak inhar falla" (ara nota tal-attur a' fol 125 u 126.).

**18.** Fix-xhieda tiegħu a' fol 88, is-sewwieq tal-lifter Philip Caruana jgħid li wara l-inċident huwa ħa l-lifter "għand l-engineering għax xi ħaġa ġaralu" u "99% ħadt lifter ieħor għax hemm hekk hekk naħdmu" ( a' fol 88). Is-Soċjetá konvenuta iżda ma tefgħet l-ebda dawl fuq ir-riżultanzi li setgħu ħarġu wara li l-lifter ġie eżaminat appożitament. Fin-nuqqas ta' prova bħal din, il-Qorti raġjonevolment tiddeduċi li s-Soċjetá Konvenuta taħti għall-korriment li sofra l-attur għaliex naqset milli tiżgura s-sigurtá tal-apparat tal-lifter kif kien id-dmir tagħha taħt ir-regolament 3 et seq tal-imsemmi Avviż Legali 282 ta' l-2004, illum revokat bl-Avviż Legali 293 tal-2016.

**19.** Kwantu għall-eċċezzjoni tal-intempestivitá din hija ormai sorvolata bil-prinċipju ta' *jus superveniens firmat actionem et exceptionem.* Dan tenut kont tal-fatt li s-Soċjetá Konvenuta għażlet li tikkontesta l-azzjoni tal-Attur u għalhekk ma kienetx se tersaq volontarjament għal-likwidazzjoni tad-danni li kieku ġiet interpellata b'ittra legali jew ittra uffiċjali. Barra minn hekk l-Attur għadu qed jippersisti fl-azzjoni odjerna, wara iktar minn ħdax-il sena mid-data tal-inċident, issa żgur ma jistgħax jingħad li l-Attur għadu fi stadju ta' konvalexxenza. Għalhekk "*jekk waqt il-kawża jkun intervjena d-dritt, l-azzjoni illi qabel tkun difettuża tiġi imsaħħa. Il-fundament ta' dan huwa preċiżament l-ekonomija tal-ġudizzju u ta' l-ispejjeż.*"(**Emmanuele Vella vs. Dr. Pietro Paolo Galea et, Appell Ċivili, 3 ta' Mejju 1948. F'sens konformi hi s-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' Marzu 1991 in re: Mary Calleja Urry et vs. Alfred Camenzuli**).

**20.** Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tikkonsidra x-xorta tad-danni li qed jiġu reklamati mill-Attur.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**

**21.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li tikklassifika d-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Telf ta' qliegħ futur

**22.** Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li *"dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

*Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv" (****P.A. PS 30.1.2008 fil-kawża fl-isimijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata****));*

*Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn (****P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani (mhix appellata)****;*

*Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain" (Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64)*

*Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;*

*Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (**App. Ċiv.***

***30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500****) . Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (****App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242****));*

*Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (****70 P.A. JSP 31.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata****)). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;*

*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73). Għalhekk*

*meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal.*"

**23.** Applikat dan l-insenjament għal każ in diżamina, din il-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni tat-telf ta' qliegħ futur tal-Attur.

**24.** Meta seħħ il-korriment, l-Attur kellhu 58 sena (ara ċertifikat mediku a' fol 4). L-aħħar dħul tiegħu skont l-FS3 relattiva għas-sena 2007 kien dak ta' LM22,192 gross għal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2007(ara a' fol 53). Dan l-ammont kien jinkludi s-somma ta' LM5,292 bħala taxxa, u LM1,436.30 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali. Għaldaqstant l-ammont nett huwa dak ta' LM15,436.70 ekwivalenti għal €36,020.73. Applikat l-insenjament tas-Sentenza appena ċitata, l-Qorti sejra tikkunsidra din is-somma bħala l-moltiplikand.

**25.** L-Attur ippreżenta rapport mediku ex parte redatt mil-konsulent Andrew Borg (a' fol 57). It-tabib Borg ikkonkluda li b'riżultat tal-inċident in kwistjoni l-attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 4% (ara rapport a' fol 65). Is-Soċjetá Konvenuta minn naħa tagħha ma talbitx illi jitqabbad perit mediku maħtur mill-Qorti biex jikkonstata il-fehmiet tal-perit ex parte mqabbad mill-Attur. Hija lanqas biss sejħitlu in eskussjoni.

**26.** Kif insenjaw il-Qrati li għalihom għamlet referenza il-**Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza Brian Cachia et vs Marc Vella mogħtija fit-12 ta' Jannar 2015**, huwa "*pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-*

*konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi "dan ma jfisserx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine", Appell 29 ta' Mejju 1998). "Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali <u>sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku</u>." ("***Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca." Appell 6 t'Ottubru 1999; "John Saliba –vs-Joseph Farrugia", Appell, 19 ta' Novembru 2001***);*" (sottolinear ta' din il-Qorti). (Ara wkoll **Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** gia ċitata suppra: *Illi l-Qorti għalkemm mhix marbuta li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li twarrbu kif setgħet twarrab kull prova ohra, mill-banda l-oħra, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li rapport magħmul minn espert fil-qasam għandu jingħata piż xieraq lill-fehma teknika tinsab fih u l-Qorti m'għandhiex tinjora dik il-prova jekk mhux għaliex ikun hemm provi oħrajn li joħolqu dubju ċar dwar is-siwi tal-fehmiet hemm espressi. Mill-atti joħroġ ċar illi l-mertu ta' din il-kawża huwa wieħed ta' natura medika li ma setax*

*jiġi deċiz mill-Qorti mingħajr il-fehma ta' espert in materja. B'danakollu, kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, "dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika" (**App. Ċiv. 19.11.2001 fil-kawża fl-ismijet Joseph Calleja noe vs John Mifsud**) u li Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kinetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieg mil-lat tekniku" (**App Ċiv. 12.2.2016 fil-kawża fl-ismijiet Jean Carlo Fino et vs Joseph Vella et** u r-referenzi hemm imsemmija).*"

**27.** Il-Qorti fliet bir-reqqa ir-rapport mħejji mill-konsulent Borg u, wara li qablet l-istess mar-riżultanzi probatorji emerġenti mill-Atti speċjalment dak indikat mit-tabib fir-rapport ta' korriment, tasal biex tqis il-konklużjoni hemm raġġunta bħala waħda 'ġusta u korretta'. Għaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li l-percentaġġ tad-diżabilitá permanenti ta' 4% li wasal għalih l-espert mediku huwa kollu riżultat tal-inċident. Isegwi li r-rata ta' diżabbilitá għandha tibqa' stabbilita għal 4%.

**28.** Dwar il-multiplier li għandu jiġi applikat, l-Attur issottometta fin-nota tiegħu li dan għandu jiġi kkalkulat fuq l-etá pensjonabbli tal-attur (a' fol 128 ). Iżda fil-każ tal-Attur li twieled qabel il-31 ta' Diċembru 1951, l-etá

pensjonabbli hija dik ta' wieħed u sittin sena u mhux ħamsa u sittin sena (ara artikolu 2 tal-Kap. 318). Għalhekk ser tikkalkula l-multiplier fuq il-ħajja lavorattiva rimanenti tal-Attur, fuq il-medda ta' tlett snin, jigifieri ż-żmien li kien għad baqalu jgħaddi biex l-Attur jilħaq l-etá tal-pensjoni.

**29.** Skont prattika kostanti, mis-somma kapitali ta' flus bħala kumpens għat-telf ta' qliegħ futur jitnaqqas l-ammont ta' 20% għal raġuni li tali kumpens isir f'daqqa u bil-quddiem ('*lump sum percentage deduction*'). Ġie stabbilit iżda, li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens għandu jingħata meta jkun għadda żmien qasir mill-inċident u s-sentenza finali, tant li jekk bejn id-data ta' l-event dannuż u d-data tal-pagament effettiv jgħaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'għandux iseħħ (ara **Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001**; ara wkoll **Anthony Turner et vs Francis Agius et, 28 ta' Novembru 2003** fejn il-Qorti tal-Appell osservat li meta bħal dan il-każ l-azzjoni ddum tkarkar tant li tieħu trapass twil ta' żmien mid-data tal-inċident sa meta tingħata s-sentenza finali, dan "għandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal fini ta' 'lump sump payment'").

**30.** Ġie wkoll stabbilit li l-Qorti għandha tibda tqis it-trapass ta' żmien minn meta tiġi ntavolata l-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident (**Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 2004**). Diversi Sentenzi stabbilew li minn dan it-tnaqqis ta' 20% għandu jonqos perċentwali ta' 2% għal kull sena ta' dewmien tal-kawża (ara fost

oħrajn **Joseph Abela vs Martin Spagnol, Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1993, Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2009**).

**31.** Meta mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li għaddiet minn dakinhar li nfetħet il-kawża (26 ta' Awwissu 2008) sa dakinhar li tingħata s-Sentenza, ma jibqa' l-ebda perċentwal x'jitnaqqas. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*') fis-somma ta' €4,322.49, jiġifieri erbgħa t'elef, tlett mija tnejn u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€36,020.73 x 4% x 3).

<u>Telf attwali</u>

**32.** Għal dak li jirrigwarda d-damnum emergens, l-Attur jistrieħ fuq id-dokument GS 4 maħruġ mill-Awtoritá Marittima ta' Malta (a' fol 55). Minn dan id-dokument jirriżulta it-tul taż-żmien li ma daħalx għax-xogħol b'konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab fl-inċident in kwistjoni. Minħabba f'hekk l-Attur tilef l-ammont gross ta' €27,072.82. Il-Qorti madankollu ma tistax taqbel mal-Attur u tqis din is-somma bħala dħul likwidabbli lilu mingħajr ma tikkunsidra l-insenjament dwar telf ta' qliegħ futur kif skont is-Sentenza **Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** ċitata supra.

**33.** Il-Qorti sejra għaldaqstant tnaqqas minn dik is-somma, id-dħul bejn l-15 ta' Lulju 2008 u l-5 ta' Jannar 2009 , peress li dan l-ammont ġie meqjus meta l-Qorti llikwidat l-ammont dovut bħala lucrum cessans. Jekk ma jsirx hekk l-Attur ikun qieghed jibbenifika minn kumpensat għal darbtejn għall-istess żmien. Il-Qorti tqis li l-attur għamel ftit inqas minn sitt xhur ma jaħdimx u għalhekk se jitnaqqas mill-ammont ta' €27,072 is-somma ta' €11,096 rappresentanti nofs l-ammont gross li l-Attur daħħal fis-sena 2007 skont kif hemm dikjarat fl-FS3 (a' fol 53). L-ammont li jifdal huwa għalhekk ta' €15,976 (€27,072 – 11,096). Minn din is-somma għandu jitnaqqas t-taxxa tad-dħul u kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali li kien iħallas l-attur. Il-Qorti tqis li dawn għandhom jammontaw għal € 3,364.15 li huwa nofs l-ammont ta' taxxa u kontribuzzjonijiet li l-Attur ħallas fis-sena 2007 skont l-imsemmija FS3 (a' fol 53). Dan iwassal għal ammont nett ta' €12,611.85 (€15,976-€3,364).

**34.** Ma dan l-ammont il-Qorti taqbel li għandha tiżdied is-somma ta' €400 li l-attur ħallas għar-rapport mediku (ara fol 56).

**35.** Għalhekk isegwi li t-telf attwali subit mill-attur kawża tal-inċident jammonta għal €13,011.85 (€12,611.85+€400).

**36.** Fl-aħħar nett il-Qorti ma setgħetx ma tieħux in konsiderazzjoni t-tul ta' żmien li ħadet il-kawża u għalhekk ikun xieraq li jittieħed kont tar-rati ta' inflazzjoni fuq il-ħajja. Għalhekk il-Qorti wara li ħadet kont tar-rati ta' inflazzjoni bejn 2008 u 2019 kif ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Istatistika

Nazzjonali tħoss li fil-każ odjern għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwittativa, għalkemm din trid tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (**Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**).

**37.** Dawn il-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun ddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'deċiżjoni li tinsab f'**Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*". Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhux faċli li jkun ekwivalenti għal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi proċesswali li jwasslu għall-komputazzjoni matematika, li solitalment jirrikorru għaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preċiż fuq formuli żviluppati maż-żmien bis-saħħa ta' sentenzi fuq il-materja. Għalhekk fid-dawl ta' dan it-tagħlim il-Qorti ai fini ta' inflazzjoni ser iżżid l-ammont fuq likwidat bl-ammont ta' 910 Ewro (€910), rappresentanti circa 7% rata ta' inflazzjoni tul kemm damet pendenti din il-Kawża.

**38.** Għaldaqstant l-ammont globali ta' danni subiti mill-Attur jammonta għal tmintax-il elf mitejn u erbgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€18,240.34) - (€4,322.49 + €13,011.85 + €910).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-Awtoritá għat-Trasport f'Malta u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tas-Soċjetá Malta Freeport Terminals Limited minħabba li ġew irtirati fil-verbal datat 17 ta' Novembru 2008;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti** tas-Soċjetá Malta Freeport Terminals Limited;

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li l-inċident tal-15 ta' Lulju 2008 fejn weġġa' l-attur issuċċeda tort unikament tas-Soċjeta' Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited u dan minħabba f'imperizja, negliġenza u non osservanza tar-regolamenti meta dawn ma pprovdewx "*safe place of work*";

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' tmintax-il elf mitejn u erbgħin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€18,240.34);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lis-soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited iħallsu d-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet legali minn din is-sentenza sal-pagament effettiv.

L-**Ispejjeż** ta' din il-kawża, salv dawk tal-konvenuta Awtoritá għat-Trasport f'Malta jitħallsu mis-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited. L-ispejjeż tal-konvenuta Awtoritá għat-Trasport f'Malta jitħallsu mill-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**